**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 19 ta' Frar 2018**

Numru 10

**Rikors Guramentat Nru. 44/2018**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Keith Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-15 ta' Jannar 2018 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman datat 28 ta' Dicembru 2000 (Dok. "A"), is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Keith Caruana;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Keith Caruana fis-somma ta' erbgha u sittin elf, seba' mija u erbgha u sittin ewro u tlettax-il centezmu (€64,764.13) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Keith Caruana mal- Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3" u Dok. "C1 sa C4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Novembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Keith Caruana:
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Keith Caruana li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Keith Caruana gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u immarkata Dok. 'D' sabiex

jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Keith Caruana (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Keith Caruana li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna lil Keith Caruana jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha u sittin elf, seba' mija u erbgha u sittin ewro u tlettax-il centezmu (€64,764.13) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Keith Caruana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3" u Dok. "C1 sa C4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Novembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2015 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-noti ta’ ammissjoni tas-16 ta’ Frar 2018 fejn il-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut Keith Caruana jhallas lil-bank attur is-somma ta’ erbgha u sittin elf, seba' mija u erbgha u sittin ewro u tlettax-il centezmu (€64,764.13) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-istess konvenut skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Novembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.

Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur